# UFFIĊĊJU STAMPA

## Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana

Tel: 25906203, 21241281 Fax: 21242971 Email: info@maltadiocese.org

17 ta' April 2009

TQASSIM: MEDIA KOLLHA
MINN : C. BUTTIGIEG
REF : 43/2009

## ĊELEBRAZZJONI TAL-ARĊISQOF MA' ŻGĦAŻAGĦ FIL-VOLUNTARJAT

Iż-żgħażagħ impenjati fil-voluntarjat u l-ħbieb tagħhom qed jiġu mistednin għal ċelebrazzjoni ta' ħbiberija u fidi ma' Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P., li se ssir nhar l-Erbgħa, 29 ta' April 2009, fil-Knisja Omm tal-Parir it-Tajjeb, Paceville fis-7.30pm. Matul din l-attività, Mons. Arċisqof jagħti l-mandat liż-żgħażagħ voluntiera għall-ħidma tagħhom fis-sajf, waqt li fl-istess ħin tkun imfakkra l-ħidma li ssir minn dawn il-voluntiera matul is-sena.

Din il-laqgħa ta' qabel is-sajf, li issa waslet fit-tielet sena tagħha, tlaqqa' flimkien żgħażagħ impenjati f'ħidma voluntarja f'komunitajiet f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Iċ-ċelebrazzjoni ta' din is-sena hija parti mill-mixja li l-Knisja qed tagħmel maż-żgħażagħ fuq it-tema magħżula mill-Papa Benedittu XVI għall-2009: "It-tama tagħna hi f'Alla l-ħaj", mill-ittra ta' San Pawl lil Timotju.

L-attività hija kummissjonata mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ. L-animazzjoni se tkun f'idejn il-grupp LIFT. Iż-żgħażagħ li se jattendu huma mitlubin jirreġistraw billi jibagħtu *email* fl-indirizz *info@kdz.org.mt* jew jittelelefonaw fuq in-numru 21484506.

---------

## ARCHBISHOP'S CELEBRATION WITH YOUNG VOLUNTEERS

Young people engaged in voluntary work and their friends are being invited for a celebration of friendship and faith with Archbishop Mgr. Paul Cremona O.P. on Wednesday, 29 April 2009, at 7.30pm, at the Church of The Mother of Good Counsel, Paceville. During this event the Archbishop gives young people his mandate for the voluntary work they will be doing during summer while also recalling the work which these volunteers do during the year.

This is the third consecutive year this meeting is being held before the summer months. It brings together young people who joined organisations working in Malta and abroad for a fellowship experience. This year's celebration forms part of the Church's journey with young people on the theme chosen by Pope Benedict XVI for 2009: "Our hope is in the living God", from St. Paul's letter to Timothy.

The event is co-ordinated by the Diocesan Youth Commission (KDŻ) and commissioned to the young people involved in the group LIFT. Young people wishing to take part are invited to register themselves through an email to the following address: info@kdz.org.mt. One can also phone on number 21484506.